**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Numru 233/02 AJD**
**Rita Muscat**

**vs**

**V.J Salamone (Equipment) Limited**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60.00) rapprezentanti prezz ta' 'cash register' li fit-23 ta' Awissu 2001 thalla mill-attrici ghand is-socjeta' konvenuta u lli qatt ma gie ritornat lura lill-istess attrici mis-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kienet l-attrici li damet zmien twil biex marret tigbor il-‘cash register’ taghha u ghalhekk tilfet kull dritt li kellha ghalih.
2. Illi s-socjeta’ konvenuta offriet ‘cash register’ ohra identika ghal dik tal-attrici, izda din impikat u riedet taghha u mhux ohra ekwivalenti.
3. Illi fil-fatt il-‘cash register’ ma kienx fih valur kummercjali.

Bl-ispejes kontra l-attrici.

Sema’ x-xhieda tal-attrici u ta’ Mario Schembri. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ‘cash register’ li l-attrici hadet ghand is-socjeta’ konvenuta sabiex jissewwa, liema ‘cash register kien originarjament inxtara mill-attrici minghand l-istess socjeta’ konvenuta fl-1995. Is-socjeta’ konvenuta spjegat lill-attrici li l-hsara kienet fil-‘printer’ u li huma ma kellhomx il-‘parts’ mehtiega sabiex jigu esegwiti t-tiswijiet necessarji ‘in stock’, liema ‘parts’ kienu ser idumu diversi gimghat sabiex jaslu Malta. It-tiswija kienet ser tiswa Lm60.00.L-attrici xehdet li hija kienet iccempel u tmur ghand is-socjeta’ attrici diversi drabi sabiex tivverifika jekk waslux il-‘parts’ in kwistjoni u sa fl-ahhar, wara madwar tlett xhur, kienet giet infurmata li l-‘parts’ effettivament kienu waslu Malta. Wara xi jumejn, izda,, cempel it-‘technician’ tas-socjeta’ konvenuta u nforma lill-attrici li l-hsara ma kientx fil-‘printer’ imma fil-‘mainboard’ u li t-tiswija kienet ser tiswa madwar Lm100.00. F’dan l-

istadju l-attrici ddecidiet li tiehu lura l-'cash register' minghajr ma dan jissewwa izda meta din marret tigbru minghand is-socjeta' konvenuta giet infurmata li dan kien intilef. Is-socjeta' konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha tallega li l-attrici damet zmien twil sabiex tigbor il-'cash register' u kienet ghalhekk tilfet kull dritt li kellha ghalih. It-Tribunal isibha ferm difficli li jifhem dan l-argument il-ghaliex fil-fehma tieghu, una volta li s-socjeta' konvenuta accettat l-inkarigu li ssewwi l-'cash register' u dan ghalhekk thalla fil-kustodja taghha, hija kienet obbligata li tikkustodixxi dan l-oggett bhal 'bonus paterfamilias' sakemm l-istess oggett jigi ritornat lil sidu, u cioe' l-attrici. Apparti mill-fatt li dan it-Tribunal m'ghandux dubju mill-kredibilita' tal-attrici f'dan ir-rigward, u cioe' li hija kienet marret tigbor il-'cash register' jumejn wara li giet infurmata li l-hsara kiene hafna aktar estensiva, huwa jirritjeni li s-socjeta' konvenuta qatt ma setghet takkwista d-dritt li titlef il-'cash register' ghaliex l-attrici damet tlett xhur ma tmur tigbru. In vista ta' dan kollu li inghad s'issa, l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta qed tigi respinta.

Illi t-Tribunal jixtieq ukoll jirrileva li s-socjeta' konvenuta kienet negligenti fl-operat taghha mhux biss ghaliex tilfet il-'cash register' propjeta' tal-attrici izda anki minhabba l-fatt li, kif xehed Mario Schembri stess, u cioe' il-workshop manager tas-socjeta' konvenuta, huma ma spezzjonawx il-'cash register' qabel ma ordnaw il-'parts' minn barra izda strahu fuq dak li qaltilhom l-attrici li l-'cash register' ma kienetx qed ittella' karta. Dan ix-xhud prova jimplika li huma gew sgwidati mill-attrici. Fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta' konvenuta kellha d-dover tispezjona l-'cash register' malli dan gie konsenjat lilha ghat-

tiswija u mhux tistrieh esklussivament fuq dak li qalet l-attrici, li fuq kollox m'hijiex persuna teknika u hadet il-'cash register' ghand is-socjeta' konvenuta proprju l-ghaliex m'hijex persuna teknika, u kienet is-socjeta' konvenuta li kellha mpjegati fi hdanha li kienu ntizi fit-tiswija ta' dan it-tp ta' apparat. Kieku s-socjeta' konvenuta ezaminat il-'cash register' qabel ma ordnat il-'parts, kif imbaghad ghamlet meta eventwalment dawn il-'parts' waslu Malta, kienu jigu evitati hafna problemi u telf ta' hin, fuq kollox l-attrici giet michuda mill-uzu tal-'cash register' ghal aktar minn tlett xhur inutilment Fid-dawl ta' dan kollu, t-Tribunal jirritjeni li l-attrici kellha ragun tinsisti li tinghata lura l-'cash register' taghha u mhux iehor qadim u msewwi. Is-socjeta' konvenuta ssostni l hija offriet li taghti 'cash register' iehor lill-attrici izda din tal-ahhar xehdet diversament fis-sens li qalet li s-socjeta' konvenuta offriet li taghtiha 'cash register' iehor uzat ghal prezz ta' Lm60.00. Anki f'dan il-kaz it-Tribunal jaghzel li jemmen lill-attrici stante li x-xhieda taghha tirrizulta aktar kredibbli. Fi kwalunkwe kaz l-attrici kellha kull dritt li tinsisti li tinghata lura propju l-'cash register' taghha, u cioe' l-istess 'cash register' li kienet fdat fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta, u li tirrifjuta li tinghata 'cash register' alternattiv. It-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta qeghda wkoll tigi michuda.

Illi s-socjeta' konvenuta tirritjeni wkoll li, fi kwalunkwe kaz, il-'cash register' in kwistjoni ma kellu ebda valur kummercjali. Mid-dokument esebit a fol. numru 4 jirrizulta invece li dan il-'cash register' kellu mill-anqas valur kummercjali ta' Lm60.00 stante li l-attrici kienet ser tinghata l-fakulta' li tpartat il-'cash register' l-antik ghal wiehed gdid

billi jitnaqqas l-ammont ta' Lm60.00 Lira Maltin mill-prezz tal-'cash register' il-gdid. Jirrizulta ghalhekk li l-attrici soffriet dannu fl-ammont ta' Lm60.00 minhabba n-negligenza tas-socjeta' konvenuta. Ad ogni modo, l-attrici rnexxielha tipprova li l-'cash register' taghha kellu valur ta' Lm60.00 fil-mument li dan gie mitluf mis-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' sittin Lira Maltin (Lm60.00).

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsuu nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**